**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Marzu 2019**

Kawza Numru: 24/2017MS

Mary Lee Vella (K.I. 381879M)

vs

Omar Micallef (K.I. 89481M)

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-attrici pprezentata fis-27 ta' April 2017 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' hamest elef euro, wara li ppremettiet illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono tal-20 ta' Awwissu 2008 fejn gie pattwit li l-konvenut irid jghaddi lill-attrici bhala manteniment ghal minuri Shania Micallef, s-somma ta' sebgha u erbghin euro fil-gimgha, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja, kif ukoll li jrid ihallas l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni, dawk medici u dawk relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari; illi l-konvenut dejjem hallas inqas minn sebgha u erbghin euro fil-gimgha f'manteniment u qatt ma hallas l-awment, kif lanqas ma hallas l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni, dawk medici u dawk relatati ma attivitajiet extra-kurrikulari skond il-kuntratt;

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Lulju 2017 fejn eccepixxa preliminarjament l-privilegum fori u dana peress illi huwa ghandu r-residenza ordinarja f'Malta kif ukoll il-preskrizzjoni tat-talbiet li jirreferu ghas-snin 2008 - 2012, ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap16; illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu t-talba tal-attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-konvenut dejjem hallas il-manteniment u l-ispejjes dovuti u li dawn il-pretensjonijiet gew vantati purament b'vendikazzjoni; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2017, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata.

Ra n-nota tal-attrici pprezentata fl-20 ta' Settembru 2017 (fol 94) fejn iddikjarat illi kienet qed tillimita t-talba taghha ghall-hlas ta' manteniment li l-intimat naqas li jhallas b'mod shih ghall-perjodu bejn Awwissu 2008 sa' April 2017, liema pretensjoni hi limitata ghas-somma ta' erbat

elef sitt mija u erbgha u erbghin euro u ghoxrin centezmu (€4,644.20) u thalli mpregudikat ghal gudizzju iehor u separat l-pretensjonijiet taghha ghall-hlas tal-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

**Eccezzjonijiet**

Illi peress illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata skond il-verbal fuq imsemmi, mhux il-kaz li dan it-Tribunal jiehu aktar konjizzjoni taghha.

Illi fir-risposta guramentata tieghu, l-konvenut eccepixxa wkoll l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijigiet ta' Malta.

It-Tribunal huwa marbut li jqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa. Avolja fir-risposta tieghu l-konvenut ma jispecifikax taht liema subartikolu qieghed jivvanta l-pretensjoni tieghu, fin-nota tal-osservazzjonijiet jispecifika partikolarment is-subartikolu (b) - f'liema kaz dan huwa bizzejjed biex jissodisfa il-kwezit tal-precizjoni f'eccezzjoni ta' preskrizzjoni. (ara f'dan is-sens is-sentenza Helen Schembri et vs Anthony George Zahra noe deciza mill-Prim'Awla fid-29 ta' April 2005.)

Ikkunsidra

Illi l-konvenut qed jinvoka favur tieghu t-terminu ta' hames snin skond l-artikolu fuq imsemmi. Dan ipoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici ghal dak kollu li jirrisali ghall-aktar minn hames snin min-notifika (18 ta' April 2017) tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2017. L-artikolu 2156 (b) ighid testwalment hekk:

L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bil-preskrizzjoni ta' hames snin:
l-azzjonijiet ghal hlas ta' pensjoni ghall-manteniment; bl-ingliz "*actions for payments of maintenance allowances".*

Illi l-attrici qieghda titlob minghand il-konvenut il-manteniment bejn Awwissu 2008 sa' April 2017. Dan ipoggi t-talba taghha nettament preskrivvibbli qabel it-18 ta' April 2012. Ma rrizultax illi dan it-terminu qatt gie sospiz b'xi att qabel din id-data u ghalhekk it-Tribunal wara li jiddikjara illi kwalunkwe pretensjoni qabel it-18 ta' April 2012 hija preskritta, sejjer jikkunsidra l-pretensjoni attrici wara din l-ahhar data.

Ikkunsidra

**<u>Mertu</u>**

Illi ghal dak li jiririgwarda l-mertu, it-Tribunal ghandu quddiemu kawza ghall-manteniment. Fuq l-iskorta tan-nota esebita mill-attrici fl-20 ta' Settembru 2017, ser jillimita ruhu ghal kwistjoni ta' arretrati ta' manteniment li skond l-attrici l-konvenut hallas bin-nieqes u l-awment jew zieda fil-hlas ta' manteniment tal-minuri u mhux ser jiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra rigwardanti spejjes relatati ma' edukazzjoni jew medicinali peress illi dana gie eskluz u thalla mpregudikat mill-attrici fl-istess nota. <u>Dan ipoggi l-perjodu in diskussjoni mit-18 ta' April 2012 sad-data tal-kawza.</u>

Illi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Debono fl-20 ta' Awwissu 2008. Skond dan il-kuntratt, il-konvenut kien intrabat li jhallas lill-attrici s-somma ta' sebgha u erbghin Euro fil-gimgha, pagabbli kull gimghatejn bil-quddiem. Dan il-manteniment kellu jigi rivedut kull sena skond l-indici tal-hajja, hekk kif regolat mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Gvern. L-attrici tghid illi hi dejjem baqghet tircievi l-istess ammont, li kien inqas minn dak stipulat fil-kuntratt kif ukoll li ma hadet l-ebda gholi tal-hajja. Fil-fatt l-attrici qieghda titlob l-arretrati tal-manteniment nieqes kif ukoll tal-awment tal-manteniment skond l-indici tal-gholi tal-hajja mill-20 ta' Awwissu 2008 sas-27 ta' April 2017. Kif gja nghad pero' it-Tribunal sejjer jikkunsidra biss il-perjodu wara 18 ta' April 2012.

Illi bhala provi principali gew ezebiti l-kuntratt ta' separazzjoni datat 20 ta' Awwissu 2008 (Dok A), l-ittra ufficjali numru 124/2017 li gie notifkat lill-konvenut fit-18 ta' April 2017 (Dok B); il-kontijiet bankarji tal-attrci li juri l-entrati kollha li dahlu fil-kont taghha bin-numru 006 082 383 050 (Dok MG1), l-indici ta' inflazzjoni bejn is-sena 2008 sas-sena 2017 (fol 97 u 98) u x-xiehda li taw il-partijiet viva voce kif ukoll bl-affidavit.

Ikkunsidra

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid illi l-konvenut dejjem hallas ammont nieqes u qatt ma hallas l-awment dovut. Fejn suppost kien obbligat li jhallas €203.66 fix-xahar kienet tircievi bejn €190 u €195 fix-xahar. Il-flus kienu jidhlu f'kont tal-HSBC u rari kien ihallas puntwalment. Issemmi wkoll ittra ufficjali li ghamlet fejn tat rendikont tal-ammonti li l-konvenut ghandu jaghtiha, mhux biss f'arretrati izda wkoll id-differenza fl-awment skond il-kuntratt.

Fl-ittra ufficjali taghha, l-attrici ssemmi s-somma ta' elf tliet mija u tlieta u tletin euro u seba u sittin centezmi - (€1333.52) - rapprezentanti l-ammont nieqes ta' manteniment imhallas mill-konvenut; l-ammont ta' €322.00 rapprezentanti z-zieda skond l-indici tal-gholi tal-hajja mis-sena 2009 sallum kif ukoll l-ammont ta' mitejn u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€229.77) rapprezentanti l-hlas tal-manteniment ghax-xahar ta' Marzu 2017 li sallum baqa mhux imhallas.

Illi l-konvenut xehed f'dawn il-proceduri u esebixxa wkoll affidavit. In succint ighid illi kien jibghat €190.00 fix-xahar u jekk il-mara kienet titolbu xi haga ohra kien jaghtihomlha. Dawn il-pagamenti kienu jidhlu fil-kont tal-mara, kif stipulat fil-kuntratt, permezz ta' *cash deposits* f'*envelope* go ATM machine. Issemmi ukoll xi istanzi (erba jew hames darbiet) fejn ma bghattx

il-flus bil-bank izda ghadda l-manteniment lit-tifla f'idejha u jsemmi zewg dati f'Settembru u zewg dati f'Dicembru. Ighid ukoll illi apparti l-pagament mensili ta' €190.00 tal-manteniment, huwa baghat depoziti ohra lil mara. In kontro-ezami, mistoqsi fuq il-pagamenti breve manu, l-konvenut jikkoncedi illi qatt ma talab ircevuta ghal dawn il-cash payments, ghaliex kien jafdaha pero' jinsisti illi dawn hallashom lit-tifla f'idejha, mija fil-mija. Mistoqsi ghaliex dejjem hallas €190.00 minkejja l-fatt illi l-manteniment kellu joghla skond l-indici, l-konvenut jammetti u ighid illi huwa lest li jhallas id-differenza, pero' jinsisti illi bl-ammonti extra li hallas, dawn jaqbzu l-ammont li suppost tefa'. (ara fol 120 u 121 tax-xhieda tal-konvenut).

Ikkunsidra

Illi fil-kaz odjern, il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lill-attrici s-somma ta' sebgha u erbghin Euro (€47.00) fil-gimgha pagabbli kull gimghatejn skond il-kuntratt fuq imsemmm. Din is-somma kellha zzid kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Illi huwa risaput li l-indici tal-inflazzjoni li jigi pubblikat kull sena in forza tal-Att XXIII tal-1979 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Tnehhija tal-Kontroll tad-Djar (Kap 158), jinhareg fil-Gazzetta tal-Gvern permezz ta' Avviz Legali kull sena w jigi inkorporat fl-iskeda annessa mal-istess Kapitolu 158. Ergo dan jifforma parti mill-'corpus juris' ta' Malta. Ghalhekk ma hemmx bzonn li ssir il-prova ta' tali zieda u l-Qrati u t-Tribunali jridu biss jiehdu 'judicial notice' taghha ghax tohrog mill-istess ligi u l-avvizi legali.

Illi ghalhekk kull ma jrid issir hu semplici somma ta' *ratio and proportion* biex tiddetermina kemm kellha tkun iz-zieda u di piu', il-konvenut qatt ma kkontesta l-iskeda tal-indici tal-hajja kif ipprezentata mill-attrici.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' hlas ta' arretrati ta' manteniment nieqes, fl-ittra ufficjali taghha, l-attrici kienet kwantifikat t-talba fl-ammont totali ta' €1885.29 (1333.52+ 322 + 229.77). Jidher pero' illi permezz ta' nota datat 20 ta' Settembru 2017, dan l-ammont zdied ghal erbat elef sitt mija u erba' u erbghin Euro u ghoxrin centemzi kif ahjar muri fit-tabella a fol 96. Peress illi dan it-Tribunal diga' ppronunzja ruhu fuq il-kwistjoni ta' preskrizzjoni, sejjer jiehu konjizzjoni biss tal-pretensjonijet minn April 2012 ' il quddiem.

Illi skond it-tabella esebita l-attrici (fol 96 - raba linja) m'ghandha l-ebda pretensjoni ghas-sena Awwissu 2011 - Awwissu 2012.

Minn Awwissu 2012 sa' Awwissu 2013 l-attrici qieghda titlob is-somma ta' €335; minn Awwissu 2013 sa' Awwissu 2014 l-attrici qieghda titlob €1182. Minn Awwissu 2014 sa' Awwissu 2015 l-attrici qieghda titlob €390. Minn Awwissu 2015 sa' Awwissu 2016 l-attrici qieghda titlob €650 u minn Awwissu 2016 sa' April 2017 l-attrici qieghda titlob €238.50. B'kollox ghalhekk, minn Awwissu 2012 sa' April 2017, l-ammont mitlub huwa ta' €2795.50. Din ic-cifra hija oghla minn dak mitlub originarjament fl-ittra ufficjali (€1885.29) li kien ikopri perjodu ferm itwal.

Ikkunsidra

Ghal dak illi huwa il-punt ta' partenza it-Tribunal sejjer jiehu d-data tal-kuntratt bhala d-data meta jiskattaw l-obbligazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet. Kwindi ghal fini tal-pagamenti is-sena tibda mill-20 ta' Awwissu ta' kull sena u mhux kif gie kkalkulat mill-konvenut minn Jannar.

M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li d-depoziti ta' mija u disghin Euro li jidhru fuq il-kontijiet bankarji esebiti fl-atti huma kollha maghmula mill-konvenut. Jidher pero' li hemm kontestazzjoni dwar depoziti ohra li saru fl-istess kont tal-attrici mill-konvenut peress illi l-attrici donnha qieghda tissugerrixxi illi dawn id-depoziti ma sarux minnu. (fol 122).

Apparti l-fatt illi fl-affidavit taghha l-attrici ma taghmel l-ebda accenn ghal xhur jew xahar partikolari fejn il-konvenut ma hallasx manteniment izda tghid biss l-konvenut *"qatt ma hallas la l-awment tal-manteniment u dejjem hallas ammont nieqes",* l-probbabilita' hija li dawn id-depoziti ukoll saru mill-konvenut peress illi ma giex ppruvat illi dawk id-depoziti saru minn terzi jew mill-attrici stess. Inoltre, l-fatt illi sa' Awwissu 2013 l-attrici kkonfermat li l-konvenut hallas €2330.00 (fol 96 - hames linja "Amount Actually Paid) - biex wasslet ghal din ic-cifra bil-fors kellha tinkludi l-cash deposit ta' mitejn u erbghin euro li sar fil-31 ta' Dicembru 2012 (a tergo fol 58). Dan ikompli jinduci lit-Tribunal fil-konvinzjoni li d-depoziti kollha li jidhru fil-kont bankarju saru mill-konvenut.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri (27 ta' Mejju 1970) mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

*"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili, l-Qorti tirritjeni li ghalhekk, kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragonevoli, jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjen imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur, l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatorja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu L-5attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor," ghax jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu …."*

Ikkunsidra

Illi peress illi kif gja nghad l-attrici m'ghandhiex pretensjonijiet minn April 2012 sa Awwissu 2012 (fol 96 - raba linja - Difference Unpaid Per Year 00.00), dan it-Tribunal ser janalizza d-depoziti kollha li saru fil-kont bankarju tal-attrici minn Awwissu 2012 sad-data tal-kawza.

1. Illi bejn 20 ta' Awwissu 2012 u 20 Awwissu 2013 saru s-segwenti depoziti:

31 ta' Awwissu 2012 - 190;

1 ta' Ottubru 2012 - 190;
31 ta' Ottubru 2012 - 190;
1 ta' Dicembru 2012 - 190;
31 ta' Dicembru 2012 - 240;
4 ta' Frar 2013 - 190;
1 ta' Marzu 2013 - 190;
30 ta' Marzu 2013 - 190;
2 ta' Mejju 2013 - 190;
31 ta' Mejju 2013 - 190;
1 ta' Lulju 2013 - 190;
31 ta' Lulju 2013 - 190;

Total ta' €2330 flok l-ammont ta' €2665 -
**Diskrepanza ta' €335**.

2. Illi bejn Awwissu 2013 u Awwissu 2014 saru s-segwenti depoziti:

30 ta' Awwissu 2013 - 190;
28 ta' Settembru 2013 - 190;
4 ta' Novembru 2013 - 190;
9 ta' Dicembru 2013 - 190;
6 ta' Jannar 2014 - 190;
11 ta' Frar 2014 - 190;
28 ta' Frar 2014 - 190;
4 ta' April 2014 - 190;
2 ta' Mejju 2014 - 190;
2 ta' Lulju 2014 - 190;
30 ta' Lulju 2014 - 190;

Total ta' €2090 flok € 2702 - diskrepanza ta' €612 u mhux kif issuggeriet l-attrici ta' €1182 (fol 96 - sitt linja - Difference Unpaid). Il-konvenut ighid illi f'Gunju 2014 huwa hallas *cash* (fol 149). It-Tribunal huwa propens illi jikkunsidra din id-dikjarazzjoni bhala veritjera mhux biss ghaliex huwa pagament izolat izda ukoll ghaliex l-attrici la fl-avviz u l-anqas fl-ittra ufficjali taghha ma ssemmi l-ebda nuqqas specifiku ghal xahar ta' Gunju 2014, kif del resto ghamlet ghal Marzu 2017. Allura it-Tribunal sejjer inaqqas l-ammont ta' €190 mid-diskrepanza ta' €612 kif fuq muri u dan allura jgib cifra finali ta' € 422.00.
**Diskrepanza ta' €422.00**

3. Illi bejn Awwissu 2014 u Awwissu 2015 saru s-segwenti depoziti:

30 ta' Awwissu 2014 - 190;
29 ta' Settembru 2014 - 190;
31 ta' Ottubru 2014 - 190;
1 ta' Dicembru 2014 - 190;

31 ta’ Dicembru 2014  390;
30 ta’ Jannar 2015 - 190;
14 ta’ Frar 2015 - 30;
2 ta’ Marzu 2015 - 190;
10 ta’ Apri 2015 - 190;
6 ta’ Mejju 2015 - 190;
30 ta’ Mejju 2015 - 190;
30 ta’ Gunju 2015 190;
3 ta’ Awwissu 2015 - 190;

Total ta’ €2,510 flok €2,710 - diskrepanza ta’ €200 (u mhux €390 kif tissuggerixxi l-atrici - fol 96 - seba’ linja - Difference Unpaid)
**Diskrepanza ta’ €200.00**

4. Illi bejn Awwissu 20 2015 u Awwissu 2016 saru s-segwenti depoziti

31 ta’ Awwissu 2015 - 190;
30 ta’ Ottubru 2015 - 190;
3 ta’ Dicembru 2015 - 190;
6 ta’ Jannar 2016 - 190;
2 ta’ Frar 2016 - 190;
3 ta’ Marzu 2016 - 190;
4 ta’ April 2016 - 190;
29 ta’ April 2016 - 190;
6 ta’ Gunju 2016 - 190;
13 ta’ Lulju 2016 - 190;
1 ta’ Awwissu 2016  - 190;

Total ta' €2,090 flok €2,740 - diskrepanza ta’ €650 kif issuggeriet l-attrici.
Minn dan l-ammont pero’ t-Tribunal ser inaqqas l-ammont ta’ €190.00 imhallsa cash f’Ottubru 2015 ghall-istess ragunijiet fuq imsemmija. It-Tribunal, pero’, mhuwiex sejjer jikkunsidra l-ammont kollu ta’ €380 f’dan il-kalkolu peress illi mhuwiex car din ic-cifra ghal xhiex thallset peress illi hemm indikat hdejha “birthday present”. Allura t-Tribunal ser inaqqas biss €190 minn €650. U cjoe’ Diskrepanz finali ta’ €460.
**Diskrepanza - €460.00**

5. Illi bejn Awwissu 2016 u Mejju 2017 - id-data tan-notifika tal-kawza - saru s-segwenti depoziti:

2 ta’ Settembru 2016 - 190
3 ta’ Ottubru 2016 - 190
13 ta’ Ottubru 2016 - 100
31 ta’ Ottubru 2016 - 190
29 ta’ Novembru 2016 - 190
2 Jannar - 190
1 Feb - 190

12 April - 400
4 July (maintenance for May) - 200

Total ta' €1840 flok of €2068 - diskrepanza ta'€228. Illi dan huwa vicin hafna s-suggeriment tal-attrici. Fil-fatt bejn il-kalkoli tat-Tribunal u dak tal-attrici hemm diskrepanza nominali ta' ghaxar Euro.
**Diskrepanza €228.00**

Illi ghalhekk it-total tad-diskrepanzi kif ikkalkulati mit-Tribunal jammontaw ghal €1645.00 (335 + 422 + 200 + 460 + 228) li huwa ferm izjed vicin dak mitlub originarjament mill-attrici fl-ittra ufficjali taghha ghad illi t-termini huma differenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jilqa' parzjalment it-talba tal-attrici,
Jiddikjara lill-konvenut moruz fil-hlas ta' manteniment dovuti lilha,
Jillikwida l-ammont dovut lill-attrici fis-somma ta' elf sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€1645.00) u konsegwentement jikundanna lill-konvenut li jhallasha din ic-cifra. Spejjes jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*